FIL-FIRDA

"There's not a joy the world can give like that it takes away".
Stanza for Music — BYRON.

Mewġ l-imħabba għawmilna qlubna f'ilmijietu tal-ħlewwiet;
Tela' w niżel bihom f'wiċċu taħt il-bewsa tas-smewwiet;
B'qalb ġo qalb bħal warda f'werqa miżmumin fl-ilma tan-nir,
Għexna fl-ħena, xrobna l-balzmu, doqna l-ġarba ta' ferħ kbir.

F'ħolm żgħożitu min qatt emmen lil min widdbu li qasir
Huwa s-sokor ta' l-imħabba w illi d-dmugħ bin il-pjaċir?
L-istess baħar li baħbaħna tqalleb f'waqt li mhux maħsub:
Dawk li kienu żewġ qlub f'waħda reġa' fired f'żewġt iqlub.

Meta tmut it-tama fiergħa li darb'oħra terġa' għas-sliem
Tmut ukoll dik it-tifkira ta' l-Imgħoddi fil-quddiem,
Jew din tibqa' tberren f'moħħok u ġġeddidlek dak li mar
U l-ġejjieni, bħaż-żmien t'issa, tqarrashulek b'diq l-imrar?

Ma ħabbejtx u qed f'żgħożitek? Mela għadek ma twelidtx!
Iżda m'hemmx min ħabb bil-bosta li f'imħabbtu ma tnikkitx
Ma tgħaddix minuta waħda li lill-ġewża ma tneffaħx
Iżda wkoll ma tgħaddix waħda li lejn mewtha ma tressaqx.

Jien ma ħtejtx meta ħabbejtek: qdejt il-liġi tal-Ħolqien,
Iżda int m'intix bla ħtija: stajt warrabtni bla dewmien
U mhux issa meta fuqek ilħaqt bdejt ħolm il-ġejjieni
U ħabbejtek ħekk minn qalbi li bik biss mista' nkun hieni.

Is-Sibt, 4-4-53. MANWEL CASSAR.